# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru sitta (6) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar l-Erbgħa 23 ta' April 2014, fil-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil reġa spjega l-fehma tiegħu li l-area tal-Ħlantun hija tagħna u li għandna nagħmlu laqgħa mal-MTA biex nagħtu l-versjoni tagħna [ref punt 3.1]. Is-Sindku fakkar lis-sur Busuttil illi għandna nimxu mal-konfini skond id-DLG u għalhekk għandna noqogħdu mad-deċiżjoni li aħna għandna 1/3 biss tal-area fejn qed isir il-proġett. Qal illi l-Kunsill ma jistax joqgħod jaħli l-flus u ħin biex nisimgħu informazzjoni li diġa nafu u li għandna nobdu. Is-Sindku qal ukoll illi jekk sar zball rigward il-konfini, l-izball sar għoxrin sena ilu u issa tard wisq biex immorru nilmentaw. Qal illi avolja jaqbel mas-sur Busuttil, dawn l-ilmenti kellhom jitressqu 20 sena ilu. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi fehem id-diskors tas-Sindku izda li xorta jinsisti li hemmhekk huwa tagħna.

3.2 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi ma jemminx illi l-avukat kellu jitkellem hekk [“qed tistmali xogħoli- ref punt 3.2] u illi hu stenna li l-paga ma titħallasx wara l-aħħar laqgħa peress illi s-Sindku kien qal illi se jara jekk jista jagħti discount. Is-Sindku fakkar illi tlett kunsilliera ffirmaw il-karta separata fuq il-PAS u għalhekk sar il-pagament. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi kieku stenna naqra u ħa l-informazzjoni li talab, hu wkoll kien lest jiffirma. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ukoll ilmenta fuq l-ammont ta’ €1020, fejn dawn anqas inkludew spejjez għal qorti [il-Kunsill ma daħħalx il-qorti fuq dan il-każ] u qal illi jekk l-avukat jirrispetta lis-Sindku kellu jagħti discount fuq l-ammont.

3.3 Is-Sindku kkonferma li x-xogħol fuq l-I.T Room qed isir [ref 3.7]

3.4 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil reġa qal illi għandna nagħmlu l-bandiera mal-konfini tagħna u taż-Żurrieq [ref punt 4.1]. Is-Sindku qal biss illi se jilgħab bil-pulit.

3.5 Is-Sindku spjega l-kont tal-Kazin tal-banda [ref punt 5.1]. Qal illi avolja konna nħalsu €700 fil-passat [din id-darba l-Kunsill irċieva kont ta’ €1000], din id-darba kabbarna l-area u li dan il-kont ġie mħallas mill-fondi li akkwistajna għal Milied Safi.

3.6 Il-Kunsill qabel illi t-tender tal-Bulky Refuse għandha toħroġ fuq “3 items per household”. Is-Segretarju Eżekuttiv se jara kif ħarġu tenders kunsilli oħrajn peress ill items jistgħu jkunu ta’ qies pjuttost differenti [ref punt nru 8 tal-Aġenda].

3.7 Is-Sindku spjega li m’għaddietx id-deċiżjoni tal-MEPA rigward it-30% tal-fondi tal-UIF [ref punt 10.2] li għandhom imorru għall-ħitan. Is-Sindku qal illi din mhux se tkun fair fuq lokalitajiet bħal tagħna u niġu żvantaġjati fejn postijiet oħrajn bħall-Belt u l-Isla li m’għandhomx ħafna ‘plots’.

3.8 Is-Sindku qal illi ħadd ma tkellem miegħu rigward il-mina li qed tinbena taħt Sir Alexander Ball Garden. Qal illi għandhom ikunu jafu x’riżorsi hemm u wara mistoqsija mill-kunsillier Publius Abdilla rigward jekk jafu li hemm boreholes hemm, is-Sindku rrisponda li għandhom ikunu jafu jekk il-boreholes huma reġistrati. Is-Sindku qal illi se jibgħat lil liason officer tal-EneMalta.

**4. Korrespondenza**

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma l-akkwist ta' €1000 li l-Kunsill għandu jieħu mir-Reġjun Nofsinhar għal librerija.

4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li għandna nkunu nafu d-deċiżjoni rigward l-ATM wara is-27 t'April.

**5. Approvazzjoni tal-pagamenti**

5.1 Il-kunsilliera approvaw u ffirmaw il-PAS.

**6. Approvazzjoni tal-Financial Statements**

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ipreżenta l-audited Financial Statements għall-approvazzjoni tal-Kunsill. L-ebda kunsillier m'oġġezzjona l-istatements. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u mis-Sindku

**7. Jum Ħal Safi**

***<u>Avolja ma kienx fl-Aġenda, il-Kunsill iddiskuta l-attivitajiet ta' Jum Ħal Safi. Għalhekk dan il-punt mhux qiegħed imnizzel fl-Aġenda tal-laqgħa.</u>***

7.1 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi kien hemm wisq nies li ħadu magħhom rikonoxximent fis-serata tas-Sibt. Fl-istess ħin qal illi jaċċetta li ma tista tħalli ħadd barra. Is-Sindku qal illi hemm minn ħadem ħafna volontarjament u kellna nuru l-apprezzament tagħna.

7.2 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi suppost fil-Ġimgħa l-Kbira u Sibt il-Għid il-bnadar kellhom ikunu ***mezza lasta***.

7.3 Il-Viċi Sindku Johan Mula rringrazzja lill-kunsillier Publius Abdilla għall-għajnuna tal-Kazin tal-PN waqt ir-reenactment, kif ukoll esprima r-ringrazzjament tiegħu lill-Kappillan u lil Każin għall-għajnuna tagħhom matul l-attivita. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi rrid ikun hemm kooperazzjoni għall-attivitajiet ta' Jum Ħal Safi.

7.4 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi, avolja huma tajbin ħafna, il-folk band issa ġew għat-tielet sena konsekutiva [waqt il-Wine and Pizza] u qal illi jemmen illi għandna nbidlu għal darb'oħra.

7.5 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi d-Drama Grupp marru tajjeb ħafna u n-nies ħadu gost bihom izda esprima l-ħsieb tiegħu li min għazel l-iskript ma tax eżempju tajjeb għax ma kinitx addattata għat-tfal. Avolja ma kienx hemm kliem baxx xorta kienu qegħdin jgħajru lil xulxin u għalhekk ***ikkritika*** l-iskript.

7.6 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi għandna nneħħu r-riċeviment mill-Programm għaliex dawk bl-inviti biss għandhom jattendu. ***Is-Sindku qal illi m'għandniex kontroll fuq minn jiġi u qatt ma żammejna lil ħadd.***

7.7 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi jemmen illi ma nftehmietx illi se jkun hemm ikla għal kulħadd wara r-reenactment u għalhekk iħoss illi ħafna nies telqu wara r-reenactment stess.

7.8 Il-Viċi Sindku qal illi sen'oħra m'hemmx għalfejn nagħmlu kompetizzjoni għall-inbid Rose peress illi ma kienx hemm ħafna parteċipanti.

**8. Laqgħa tal-Lokalita**

8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi din is-sena min jixtieq jistaqsi mistoqsija waqt il-laqgħa għandu jibgħat il-mistoqsija bil-miktub sas-6 ta' Mejju [ġurnata qabel] biex nevitaw il-problemi li nħolqu fil-laqgħa ta' 2013. Il-kunsilliera ma sabu l-ebda oġġeżjoni.

**9. Ħarġa Kulturali: Għawdex**

9.1 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi l-ħsieb huwa biex il-ħarġa ssir fit-30 ta' Mejju 2014. Qal illi l-postijiet li se jduru huma l-Mużew Karmi Grima u Mużew "Ta' Frenċ" tal-Għarb u l-"Għarb Folklore Museum", kif ukoll żjara f'Ta' Pinu u Ta' Mena Estate. Qal illi se ssir ikla wkoll u se niprovdu t-trasport. Qal illi nkunu f'pożiżjoni biex nagħtu prezz meta nkunu nafu kemm se tiswa t-trasport. Fl-istess ħin żied illi t-trasport f'Għawdex se jkun provdut mir-restaurant [€12 għall-ikel u għat-trasport]

**10. Ħwejjeġ Oħra**

10.1 Is-Segretarju staqsa min mill-kunsilliera jista jattendi għal laqgħa tar-Reġjun li se tkun fis-sala tal-komunita ta' Ħal Safi nhar is-Sibt 17 ta' Mejju. Is-Sindku biss ikkonferma li se jattendi. B'hekk il-Kunsill se joħroġ ċekk ta' €15 għall-applikazzjoni tas-Sindku.

10.2 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ilmenta li kien hemm ħafna karti promozzjonali t'attivita tal-Kunsill ta' Il-Qrendi barra fit-triq. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jibgħat ilment lil Kunsill.

10.3 Il-kunsilliera Pietru Pawl Busuttil u Publius Abdilla staqsew jekk qegħdin jittieħdu passi kontra min qed jinqabad bis-CCTV. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi hemm bzonn ta' feedback mill-pulizija rigward każijiet li fetħu huma. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi m'hu sodisfatt xejn peress illi għamilna ħafna CCTV's imma mhux qegħdin naraw l-ebda azzjoni kontra dawn in-nies. Qal ukoll illi hemm ħafna żibel f'triq il-Kuċċard.

10.4 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi jixtieq rendikont tal-attivitajiet kollha kulturali li saru [Agrikultura u Frott u Milied Safi]. Il-Kunsill għadu qed jiġbor il-kontijiet ta' dawn l-attivitajiet.

10.5 Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa jekk hemm ċans niżbru s-siġar tal-palm tal-misraħ. Is-Sindku qal illi dan se ssir.

10.6 Il-kunsillier Publius Abdilla fakkar illi l-mobajls tal-Neighbourhood Watch għadhom ***mhumiex jinfonzjonaw***. Il-Kunsill se jkollu jixtri 2 mobajls għall-użu ta' dan is-servizz.

10.7 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi hemm tabella f'triq San Ġwann li ġiet mdawra. Is-Sindku qal illi ordnajna ħafna tabelli li ma waslux s'issa. Ilmenta li dan qed jiġri spiss.

10.8 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi fl-aħħar laqgħa ġie diskuss fejn jistgħu jitħawlu s-siġar għal Green Day izda ma kien hemm xejn fil-Minuti [dan kien ġie diskuss fis-seduta nru. 4]. Is-Sindku qal illi għandna sal-5 ta' Mejju biex nagħzlu post.

10.9 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi l-kennies ma tantx jaqla l-ħamrija li jkun hemm fuq il-bankini. Żied illi huwa kuntent bix-xogħol ta' dan il-ħaddiem, izda jixtieq illi jaqla l-ħamrija li jkun hemm fuq il-bankini.

10.10 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi persuna li jagħti korsijiet fuq il-Health and Safety għamel talba biex jiltaqa mal-Kunsill biex juri lil kunsilliera u ħaddiema l-obbligi tagħna fuq il-post tax-xogħol fejn jidħlu s-saħħa u s-sigurta. Il-kunsilliera ma qablux li dan għandu jiġi waqt laqgħa tal-Kunsill. Dan il-persuna għandu jibgħat lis-Segretarju Eżekuttiv u jiltaqa miegħu.

10.11 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi hemm min hu lest iħallas għal DVD rigward ir-reenactment tas-6 t'April. Is-Sindku qal illi għandna nordnaw il-prodott aħna, inħalsu u naraw kemm tiswa kopja biex ir-residenti jkunu jistgħu jixtru CD wara. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li nieħdu bookings u deposits. Qal ukoll illi il-filmat fiħ madwar siegħa.

10.12 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi sema li hemm ideja li ssir big screen fis-sala tal-komunita. Is-Sindku qal illi r-Reġjun Nofsinhar se jużaw is-sala tal-komunita b'xejn, wara li diġa għamlu użu mis-sala tagħna ftit ilu b'xejn, u għalhekk għamel talba biex jagħtu big screen għall-użu tar-raħal. Qal illi r-Reġjun u l-iskola primarja ta' Ħal Safi għamlu ftehim bejniethom fejn ir-Reġjun se jikru s-sala b'xejn bejn 6 u 8 darbiet, u jagħtu l-iscreen bħala kumpens tal-użu tas-sala.

**11. Laqgħa li jmiss**

11.1 Il-laqgħa ntemmet fit-6pm.

11.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir fis-7 ta’Mejju 2014 fl- 3pm wara li qablu bejniethom il-kunsilliera. Fil-5.15pm se jkun hemm il-laqgħa tal-lokalita.

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Francis Callus | Anthony Attard |